# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
## (ĠURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAT-30 TA' MARZU 2023

**Nru. fuq il-Lista tal-Kawzi: 3K**

**Referenza Kostituzzjonali nru. 514/2022**

**Fl-atti tar-Referenza Kostituzzjonali tal-10 ta' Ġunju 2022,
magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali
fl-atti tal-kawża fl-ismijiet:-**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Anton (Anthon-Charles) Cutajar (K.I. 476076M)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar eċċezzjoni preliminari fejn ġie eċċepiet l-irritwalita' tar-referenza magħmula mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali li permezz tagħha saret il-mistoqsija jekk ir-regolamenti 3 u 6 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.09 li implimentaw id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjonim Ewropea 1999/22/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 98/58/KE jmorrux kontra d-drittijiet fundamentali mħaddna fl-artikolu 49(3) u fl-

artikolu 52 tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea** u mhux dwar xi dritt fundamentali protett bil-Kostituzzjoni ta' Malta jew bil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Daħla**.

2. Fl-10 ta' Ġunju 2022 saret referenza kostituzzjonali mill-Qorti tal-Appell Kriminali [il-Qorti Referenti jew il-Qorti Istruttorja] li permezz tagħha din il-Qorti qed tintalab tistħarreġ il-kwestjoni mqajma mill-intimat Anton Cutajar b'rikors tas-26 t'April 2022.

3. Fit-28 ta' Diċembru 2020 Anton Cutajar ġie akkużat talli nhar it-18 ta' Jannar 2019 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur qabel f'dawn il-gżejjer kiser kondizzjonijiet tal-liċenzja li jinfurzaw il-ħtiġijiet tar-Regolament 3 tal-L.S. 439.08 u dan bi ksur tar-regolament 4 (3) tal-L.S. 439.08. Intalab li "barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez maghmula mis-servizzi veterinarji bhala rizultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess mahrug taht il-L.S. 439.08 u l-konfiska, zamma u tnehhija tal-corpus delicti skond ir-Regolament 6 (2) tal-L.S. 439.08 tal-Ligijiet ta' Malta."[1]

4. B'sentenza tat-28 ta' Jannar 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Mala) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lil Anton Cutajar "[...] hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qed tikkundanah ghall-multa ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro (Eur. 25,000) [...]"[2] Cutajar ħassu aggravat minn dik is-sentenza u minnha intavola appell.

[1] Fol 1 tal-proċess allegat.
[2] Fol 51 tal-proċess allegat.

5. Fit-30 ta' Marzu 2022, Anton Cutajar iddikjara quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li kien ser jippreżenta kawża kostituzzjonali rigward il-proporzjonalita' tal-piena mar-reat. Minflok fis-26 t'April 2022 Cutajar għażel li jippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li permezz tiegħu talab lil dik il-Qorti:

> "sabiex a bazi tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll a bazi tal-artikolu 4 (3) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, tirreferi din il-vertenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) sabiex dik l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeciedi jekk piena nflitta ta' multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja li jinfurzaw il-htigijiet tar-Regolamenti 3 tal-L.S. 439.08, u dan bi ksur tar-regolament 4 (3) tal-L.S. 439.09 tal-Ligijiet ta' Malta, jiksirx id-drittijiet tieghu a tenur tal-artikolu 49 (3) tal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea** u l-artikolu 52 tal-istess **Karta** jew le u sabiex jinghataw dawk id-direttivi kollha opportunit fir-rigward tal-kwistjoni odjerna."[3]

6. It-talba għal referenza għamilha wara li irrefera fost l-oħrajn għall-Artikolu 46 (3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem il-Karta) li jipprovdi li "s-severita tal-piena m'ghandhiex tkun sproporzjonata ghar-reat." U l-Artikolu 52 tal-Karta li jispjega li "Kull limitazzjoni fl-ezercizzju ta' drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta ghandha tkun prevista mil-ligi u ghandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla hsara ghall-principju ta' proporzjonalita, jistghu siru limitazzjonijit f'dawk il-kaziiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn genwinament jintlaqħqu l-objettivi ta' interess generali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-htiega li jigu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ohrajn." L-

[3] Fol 67 tal-proċess allegat.

applikant jinsisti li l-piena nflitta fuqu ta' multa ta' €25,000 hija sproporzjonata u eċċessiva meta mwieżna mas-severita u s-serjeta tar-reat.

7. Illi b'risposta tal-4 ta' Mejju, 2022 l-Avukat Ġenerali, għar-raġunijiet hemm mogħtija, oppona għat-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali.

8. Illi fis-seduta tal-10 ta' Ġunju, 2022 l-Qorti tal-Appell Kriminali tat digriet li permezz tiegħu għamlet ir-referenza segwenti:

> "wara li rat l-artikoli 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll l-artikolu 4 (3) tal-Kaptiolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, tirreferi il-vertenza kostituzzjonali lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) sabiex dik il-Qorti taqta' u tiddeċiedi jekk ir-regolamenti 3 u 6 tal-Leġislazzjoni Susissdjarja 439.08 u ir-regolament 4 (3) tal-Legislatzzion Sussidjarja 439.09 li implimentaw id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 1999/22/KEE dwar iż-żamma ta' annimali selvaġġi fi stabbilimenti żooloġiċi u d-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 98/58/KE dwar il-protezzjoni ta' annimali miżmuma għal raġunijiet tal-agrikoltura, jmorrux kontra d-drittijiet fundamentali mħaddna fis-sub-artikolu tlieta (3) tal-artikolu disgħa u erbgħin (49) u l-artikolu tnejn u ħamsin (52) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamnetli tal-Bniedem u ċioe li f'dawn r-regolamenti msemmija s-severita tal-piena ma hijiex proporzjonata mar-reat kommess. U konsegwentement tagħti lir-rikorrenti dawk ir-rimedji l-oħra kollha li jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi."[4]

[4] Fol 80 tal-proċess allegat.

9. Illi din il-Qorti appuntat ir-referenza kostituzzjonali għas-7 ta' Novembru, 2022 u ordnat in-notifika lill-Avukat tal-Istat.

10. L-Avukat tal-Istat ippreżenta risposta fid-19 ta' Ottubru, 2022 fejn eċċepixxa in linea preliminari li:

> "6. Illi preliminarjament, referenza kostituzzjonali ma tistax issir fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem, "il-Karta"). Għalhekk, bl-akbar rispett lejn il-qorti referenti, ir-referenza li saret hi waħda invalida.
>
> Il-proċedura tar-referenza kostituzzjonali hi regolata fl-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4 tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-Artikolu 46 (3), il-Kostituzzjoni kjarament titkellem fuq meta "*tqum kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikolu 33 sa 45 (magħdudin)* [tal-Kostituzzjoni ta' Malta]". Bl-istess mod fl-Artikolu 4 (3) issir referenza meta "*tqum kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali"*. L-Artikolu 2 jagħti t-tifsira ta' x'inhuma "*Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali".*
>
> Imkien f'dawn l-artikoli ma tissemma l-Karta jew xi dispożizzjoni tagħha.
>
> Sabiex referenza kostituzzjonali tkun waħda valida, hi għandha tkun fil-parametri tal-liġi li ħolqot din l-istituzzjoni u ċioe, l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Ġjaladarba r-referenza in kwistjoni ma tindika ebda wieħed mid-drittijiet fundamentali elenkati fil-Kostituzzjoni jew tal-Kap. 319, ma tistax titqies bħala waħda valida.

Għall-kompletezza, l-esponent mhuwiex jgħid li Anton Cutajar m'għandux jedd li jitlob li l-ilment tiegħu taħt il-Karta jiġi mistħarreġ. Talba f'din is-sens iżda kellha tinġieb b'rikors maħluf *ai termini* tal-Artikolu 154 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux b'referenza kostituzzjonali.

Konsegwentement, din l-Onorabbli Qorti għandha twieġeb għar-referenza kostituzzjonali billi tiddikjara li l-parametri tad-domanda jmorru lil hinn minn dak dispost fl-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (3) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ma tistax, taħt il-proċedura tar-referenza kostituzzjonali, tagħmel dikjarazzjoni dwar allegat ksur tal-Karta.

7. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, din il-Qorti għanda tagħmel l-analiżi tagħha fir-rigward biss ta' dik il-liġi sussidjarja msemmija fl-imputazzjoni u dan stante li l-għan ta' referenza kostituzzjonali hija li tiggwida lill-qrati referenti fuq dawk il-materji li ser iwasslu għad-deċiżjoni o meno tagħha u mhiex intiża sabiex il-qrati kostituzzjonali jagħmlu analiżi akkademika.

Illi dan jiġi eċċepit stante li l-esponent josserva li r-referenza tirreferi għal-L.S. 439.09, ir-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Annimali Miżmuma għal Raġunijiet tal-Agrikoltura. L-esponent sempliċiment ma jistax jifhem għaliex qed issir referenza għal din il-leġislazzjoni sussidjarja. Il-każ kriminali kontra Anton Cutajar jirrigwarda ż-żamma u t-trattament ta' tigra li hu kien responsabbli għaliha; annimali li f'ebda soċjeta madwar id-dinja qatt kien intuża fl-agrikoltura. Ulterjorment, l-

imputazzjoni miġjuba kontra Anton Cutajar espressament tirreferi għal-L.S. 439.08 **biss** u qatt ma tissemma l-L.S. 439.09.

*Di fatti* u *in linea* mal-premess, **lanqas biss jeżisti Regolament 4(3) taħt il-L.S. 439.09 kif imsemmija fir-referenza.**

Konsegwentement kwalsiasi analiżi għandha tkun ristretta għall-implementazjzoni tal-L.S. 439.08 billi azzjoni kostituzzjonali (kemm jekk naxxenti minn rikors *ad hoc* kif ukoll minn referenza kostituzzjonali) ma għandiex isservi ta' eżerċizzju purament akkademiku b'ebda rilevanza jew rabta maċ-ċirkostanzi li wasslu għall-istess azzjoni kostituzzjonali.

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, sa fejn ir-referenza tirreferi għall-Artikolu 52 tal-Karta, għandu jiġi mfakkar li dan ma jikkreax dritt *per se* iżda jassisti fl-interpretazzjoni ta' liġijiet dwar kif għandha tiġi applikata l-Karta. Dan jikkontrasta bil-kbir mat-Titolu I sa VI tal-Karta (u ċioe l-Artikolu 1 sa 50) li joħolqu u huma l-fonti ta' drittijiet mogħtija lill-individwu. Konsegwentement, l-esponent ma jistax jara kif jista' jiġi argumentat b'suċċess li ġie leż l-Artikolu 52 meta dan huwa sempliċiment gwida fl-interpretazzjoni."

11. In vista tal-eċċezzjonijiet preliminari appena ċitati, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 il-Qorti iddekretat illi f'dak l-istadju kienu ser jiġu trattati u deċiżi l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-Avukat tal-Istat.

12. Il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu fir-rigward; l-Avukat tal-Istat ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fid-9 ta' Diċembru 2022[5]

[5] Fol 9 et seq tal-proċess.

filwaqt li Anton Cutajar ippreżenta nota ta' sottomissjonijiet fis-6 ta' Frar 2023[6].

13. Ir-referenza kostituzzjonali tħalliet għal-lum sabiex jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**14.** Huwa ċar mill-qari tar-referenza magħmula lil din il-Qorti, illi l-Qorti Referenti qieset illi qed tagħmel ir-referenza in kwistjoni bis-saħħa ta' **l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u l-**Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta.**

15. Dawn iż-żewġ artikoli jipprovdu kif ġej:

> **"46. (3)** Jekk f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin), dik il-qorti għandha tibgħat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kemm-il darba fil-fehma tagħha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx sempliċement frivola jew vessatorja; u dik il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha fuq kull kwistjoni mibgħuta quddiemha skont dan is-subartikolu u, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, il-qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni għandha tiddisponi mill-kwistjoni skont dik id-deċiżjoni."

[6] Fol 20 et seq tal-proċess.

**“4. (3)** Jekk f’xi procediment f’xi Qorti li ma tkunx il-Prim Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta’ xi wiehed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; u dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni.”

16. Dawn iż-żewġ artikoli joħolqu mekkaniżmu ġudizzjarji spedit sabiex kwestjonijiet ta’ natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali li jinqalaw waqt xi proċediment quddiem xi Qorti, li mhix il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjoni, jiġu riferuti u deċiżi mingħajr dewmien. Naturalment l-istitut tar-referenza kostituzzjonali ma hux ta’ impediment għal xi parti fi proċess ġudizzjarju mhux quddiem il-Prim’ Awla jew quddiem il-Qorti Kostituzzjonaoli li tintavola hi kawża kostituzzjonali jew konvenzjonali fuq l-istess vertenza.

17. Iż-żewġ provvedimenti fuq ċitati għandhom jinqraw flimkien mar-**Regolament 5 (1) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni (L.S. 12.09)** li jipprovdi li l-“ordni li bih kwistjoni tiġi mibgħuta għandu jkun fih b’mod konċiż u ċar il-fatti u ċ-ċirkostanzi li minnhom il-kwistjoni tinħoloq, it-termini ta’ dik il-kwistjoni, u jindika liema hi d-disposizzjoni jew liema huma d-disposizzjonijiet tal-**Kostituzzjoni ta’ Malta jew tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali**, kif ikun il-każ, li jkunu allegatament ġew miksura.”

18. Meta l-Qorti jkollha quddiemha referenza kostituzzjonali hija marbuta li tikkonsidra l-kwistjonijiet kostituzzjonali mqiegħda quddiemha dejjem fil-parametri tal-istess referenza. Il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco** deċiża fil-15 ta' Novembru 2011 osservat :

> "Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata"

19. li r-referenza mhijiex tal-partijiet iżda tal-qorti riferenti biss (ara inter alia **Glenn Bedingfield v. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 2000 u **Nazzareno Galea et v. Giuseppe Briffa et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 2001). Kemm hu hekk, intqal li l-proċedura marbuta mal-ordni ta' referenza hija waħda ta' ordni pubbliku, b'dana li qorti għandha tiddeċiedi hi mill-ewwel jekk il-kwistjoni mqanqla quddiemha tixraqx li tiġi mibgħuta lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u mhux toqgħod tistenna li xi parti tiftaħ kawża kostituzzjonali għal rasha dwar dik il-kwistjoni (ara **Avukat Dr. Lawrence Pullicino v. Kap Kmandant tal-Forzi Armati et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' April, 1989); **Il-Pulizija (Spettur Oriana Spiteri) vs Miloud Elforjan** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) mogħtija fis-16 ta' Mejju 2022.

20. Il-qorti riferenti għandha tkun ċerta li dik ir-referenza hija veramenbt meħtieġa sabiex tkun tista' tkompli twettaq ħidmietha. Referenza kostituzzjonali/konvenzjonali li ma tkunx ħa tħalli l-frott fl-eżitu tal-proċeduri quddiem il-qorti riferenti m'għandhiex issir (ara **Director of Public Registry v. Ahmad Aziz** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2022).

21. Dan l-eżerċizzju ta' rilevanza u ta' ħtieġa huwa importanti li jsir mill-qorti riferenti għaliex jekk il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali jsibu li dik ir-referenza kienet irrilevanti għall-għanijiet tal-kawża li tkun qiegħda tinstema' mill-qorti riferenti, l-ordni ta' referenza tista' tintbagħat lura mingħajr tweġiba (ara **Karkanja Limited v. Carmel Galea et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-30 ta' Mejju, 2019).

22. Dan magħdud din il-Qorti li lilha saret ir-referenza tqis <u>li hija wkoll marbuta li s-segwi l-proċedura </u>u tara li l-proċedura idonea għal referenza kostituzzjonali jew konvenzjonali ġiet segwita. Il-ħarsien ta' proċedura ġudizzjarja hija ta' ordni pubblika, tant li tista titqajjem *ex officio*. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Maurice Cefai et vs. Doris Fenech**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Novembru 2002, intqal illi:

> "Huwa pacifiku illi l-ligijiet ta' procedura '*si debbono osservare alla lettera e non per equipollens*' (Vol XVIII pi p879). Dan ghaliex il-procedura hi konsidrata ligi ta' ordni pubbliku u in kwantu statwita mill-ligi 'ma tistax tigi sostitwita bi procedura ohra, lanqas bil-kunsens tal-parti opposta. B'mod li l-eccezzjoni relattiva jekk ma tigix sollevata mill-

parti l-ohra, jew tigi rinunzjata, ghandha tigi mill-Qorti sollevata 'ex officio' (Vol XXXVI pl p204;Vol XLIV pl p421)."[7]

23. Permezz tal-**Artikolu 3 tal-Kapitolu 460, Att dwar l-Unjoni Ewropea.** u aktar u aktar bis-saħħa tal-**Ordni dwar it-Trattat ta' Lisbona**[8] **(L.S. 460.20),** il-Karta torbot lil Malta u hija parti mil-liġi domestika. Il-Qorti tqis illi jkun tajjeb li jiġi puntwalizzat illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għalkemm mhux inkorporat fil-leġislazzjoni domestika speċifika, hija applikabbli fil-ġurisdizzjoni Maltija.

24. Ilment ta' ksur ta' provvediment tal-Karta jista' jiġi mistħarreġ mill-Qrati tagħna. **Artikolu 3 tal-Kap. 460** jipprovdi illi:

    3.(1) Mill-Ewwel ta' Mejju 2004, it-Trattat u atti eżistenti u futuri adottati mill-Unjoni Ewropea għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi domestika tagħha taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-Trattat.

    (2) Kull dispożizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, safejn dik il-liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet,tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata.

25. Dan ġie affermat minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **Raymond Caruana vs. L-Avukat Ġenerali** mogħtija fit-28 ta' Frar 2013 fejn ingħad:

---

[7] Ara wkoll **Ignatius Attard vs. L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-1 ta' Ġunju 2009.

[8] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali m'hijiex inkorporata direttament fit-Trattat ta' Lisbona, iżda bl-Artikolu 6 (1) TEU, saret vinkolanti bhat-Trattati.

"Illi l-Qorti taqbel mar-rikorrent li l-imsemmija Karta llum tagħmel parti mil-liġi domestika Maltija u li l-Qrati Maltin iridu iqisu u jħaddnu bħal ma jħaddnu kull liġi oħra fl-ordinament li għandha effett dirett. Illi għalkemm ir-rikorrent jirreferi għal 'ċertu provvediment li jinsab fiċ-Charter' jidher li qiegħed jirreferi għall-Artikolu 49 tagħha, li jitkellem dwar prinċipji ta' legalita` u proporzjonalita` ta' Reati u ta' Pieni. B'mod partikolari ssir referenza għad-disposizzjonii tas-sub-artikolu 3 tal-imsemmi artikolu li igħid li l-ħruxija tal-pieni ma tridx tkun sproporzjonata mar-reati li għalihom tapplika. Illi l-Qorti tifhem li l-ilment tar-rikorrent kif imressaq fir-rikors promotur huwa sewwasew dak li l-piena ta' detenzjoni li għaliha hu suġġett hija ħarxa żżejjed meta mqabbla mal-għamla ta' reat li għalih kien instab ħati."[9]

26. Dan huwa rifless ukoll f'dak dikjarat mill-Qorti referenti tant li fir-referenza ingħad li:

***"imsejsa allura dina it-talba unikament fuq il-ksur tal-Liġijiet tal-Unjoni Ewropeja li llum jiffurmaw il-qafas leġislattiv ta' pajjiżna ukoll, sabiex it-talba tar-rikorrenti tirnexxi l-ilment jrid ikun ċirkoskritt fit-tħaddim u implementazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u mhux dik domestika u dan kif imfisser fl-artikolu 51(1) ta' l-isress Karta".***[10]

27. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu Anton Cutajar ma jagħmel referenza għall-ebda artikolu tal-liġi applikabbli għal referenza fuq xi provvediment tal-Karta, u minflok jagħmel referenza għall-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Kif

[9] Ara wkoll **Mario Pace Axiaq et vs. L-Onorevoli Prim Minsitru et** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fit-3 ta' Mejju 2019; **Cecil Herbert Jones vs. Avukat Ġenerali** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-15 ta' Frar 2019.
[10] Fol 79 tal-proċess allegat.

ingħad aktar 'l fuq din il-Qorti hija marbuta tirrispondi r-referenza magħmula lilha bil-mod kif impostata u ma tistax tibgħat ir-risposta tagħha lill-Qorti Referenti fuq artikolu tal-liġi kompletament differenti minn dak li fuqu staqsiet dik il-Qorti.[11]

28. Il-Kapitolu 460 ma jipprovdi ebda provvediment ekwivalenti għall-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni jew għall-Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319. Għalkemm kull individwu jista' jressaq rikors imsejjes fuq leżjoni ta wieħed jew aktar mid-drittijiet tal-Karta għar-raġunijiet spjegati aktar 'l fuq, fil-fehma tal-Qorti artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319 ma jagħtux il-fakolta li qorti referenti tagħmel mistoqsija fil-forma ta' referenza kostituzzjonali tistaqsi jekk ġiex leż jedd naxxenti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.

29. Kif miżmum aktar qabel, din il-Qorti hija marbuta li s-segwi l-liġi tal-proċeudra li hija ta' ordni pubblika u għaldaqstant sejra tgħaddi sabiex tikkonkludi li stante li r-referenza lilha magħmula hija msejsa biss fuq il-Karta, il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tagħha stante li Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni jippermetti referenzi msejsa fuq l-artikoli tal-Kostituzzjoni filwaqt li l-Artikolu 4 (3) tal-Kapitolu 319 jippermettu referenzi mfassla fuq il-provvedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea u mhux dawk tal-Karta.

30. In vista li ser tiġi milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, ma hux il-każ li titratta u tiddeċiedi wkoll it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-Avukat tal-Istat.

---

[11] Ara l-elementi prinċipali ta' referenza kostituzzjonali fil-kawża **Glenn Bedingfield vs. Kummissarju tal-Pulizija et** mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 2000.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u tiddikjara irritwali r-referenza lilha magħmula in kwantu msejsa fuq il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem tal-Unjoni Ewropea.

2. Tordna lir-Reġistratur jgħaddi lura l-atti lill-Qorti Referenti.

Bl-ispejjeż a karigu ta' Anton Cutajar.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

30 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**

**Deputat Registratur**